# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 445/2015**

Il-Pulizija

vs

**Simon Zammit**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 140367(M)

Illum, 4 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Simon Zammit quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jaghti lil Dolores Zammit u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta'Ottubru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Simon Zammit ipprezentat fl-14 ta' Ottubru, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Fl-eventwalita li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju, tirriforma s-sentenza apellata f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena, u tinfliggi minflok piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-kuntratt ma Doris Zammit tas-16 ta' Mejju, 2008 ighid li Simon Zammit huwa obligat li jhallas meta jkollu impjieg fiss.

Illi konsegwentement, galadarba ma ngabet ebda prova li tmur lill hinn minn kull dubju dettat mir-ragun li l-appellant kien mehlus milli jhallas il-manteniment jekk ma jkollux impjieg fiss, kif inhi s-sitwazzjoni bhalissa, tali dubju ghandu jopera favur l-appellant.

Illi konsegwentement u in vista tas-suespost, l-azzjoni fil-konfront tal-appellant ma tirrispettax dak li kien hemm fil-kuntratt u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' l-prova u ohrajn li jistghu jitressqu matul is-smiegh tas-seduta tal-appell billi thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Illi t-tieni aggravju u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, f'kaz li l-ewwel aggravju jigi respint. L-appellant ihoss li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena nflitta ma kienitx wahda idoneja ghaIiex kien hemm bdil fic-cirkostanci fil-konfront taz-zewg partijiet.

Illi konsegwentement u minghajr pregudizzju f'kaz li l-ewwel aggravju jigi respint, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokha in kwantu u taghti piena iktar idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2016 il-parte civile nfurmat il-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Simon Zammit u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' gimgha detenzjoni u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.